MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 540/2004

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Frank Schembri u martu Dorothy Schembri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigui kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha mija u hamsin lira Maltin (Lm950.00) rapprezentanti import ta' ghaxar kambjali, kollha ta' disgha u hamsin lira Maltin (Lm95.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2003 sa Marzu 2004 rispettivament u mhux imhallsa annessi bhala dokumenti numri l sa 10 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-2 ta' Marzu, 2004 jammontaw ghal tletin lira Maltin (Lm30.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha mija u hamsin lira Maltin (Lm950.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------